# Għanja ta' fil-għaxija IV

Kull jum, kull fil-għaxija
x'ħin lejn inżulha ix-xemx tkun qiegħda toqrob
u fis-sema tinfirex dik id-dija,
dik id-dija sabiħa,
dik id-dija li ssaħħar,
xi ħaġa nħoss titħarrek ġewwa fija
li tqanqalni biex noħroġ
fil-beraħ li bħalissa wkoll jinbidel
u bħal jitħallat b'dik il-ħmura mħeġġa
li tidher fuq ix-xefaq.

Noħroġ u naqbad dik it-trejqa ħelwa,
li tieħu lejn l-egħlieqi sbieħ fi lwienhom,
u lejn widien imżejna b'siġar ħodor,
bħalissa mgħammra lkoll b'agħsafar hienja.
Jgħannu l-agħsafar hienja
U jidwu il-widien bil-għanja tagħhom,

b'dik il-għanja bla tebgħa,
li toħroġ minn ġe' qalbhom bla maħsuba,
għalhekk safja bħal ilma
li jnixxi minn ġol-blat u f'għanjiet ħelwa
jissawwar huwa u nieżel.

Minn fost dan il-ġmiel kollu
ta' widien u għoljiet ilkoll mixgħula
bil-ħeġġa li titnissel fil-għaxija
titla' ħafifa l-għanja ta' foħrija
lill-Ħallieq kbir li għamel dis-sbuħija,
u ma' l-għanjiet imħeġġa tal-ħolqien
titla' wkoll l-għanja tiegħi
safja minn qalbi lejn it-tron ta' l-Ogħla.

"O kbir Alla ta' dejjem!
li xerridt dis-sbuħija ta' madwari
li tixgħel is-smewwiet kull fil-għaxija
bl-isbaħ u bl-ogħna lwien,
li jibqgħu jidhru kemm idum iż-żmien;
O kbir Alla ta' dejjem!
li ħlaqt id-dinja kollha u kull ma fija
li ħlaqt ix-xemx sabiħa
u l-kwiekeb li bil-lejl jiddu dawlija;
li l-ward għanejt bil-fwieħa,
u nissilt l-ilħna ġe' kull ħliqa tiegħek,
l-ilħna li fuqek dejjem ikellmuni
l-ilħna li jibqgħu jmexxuni miegħek,
ibda' kenninni bid-dehriet tal-għaġeb,
li taf, Mulejja, toħloq fil-għaxija.
ibqa' missni bil-ħlewwa;
ħa nħoss ir-rogħda li jagħtuni idejk
biex b'ruħi u ġismi jien ninġibed lejk.
Qawwija r-rogħda minn ta' idejk, O Alla!
u mħabbtek taħdem fuq il-ħsieb u tirbaħ!
ħarset għajnejk issaħħar bi sbuħitha!
u jiġbed bi ħlewwietu l-leħen tiegħek!"

ANTON KASSAR.